# TLIET STATWI TITULARI F'BORMLA

## Kitba ta' Joseph Vella

L-istatwa ta' Marija Immakulata li b'tant għożża hija meqjuma fis-Santwarju tagħha f'Bormla, hija t-tielet statwa titulari li l-kolleġġjata tagħna kellha matul medda ta' 'l fuq minn 400 sena li ilha teżisti bħala parroċċa. Din l-għożża wasslet lill-komunità Bormliża u lil ħafna devoti ta' Marija Immakulata sabiex tinbet rabta ta' qima u mħabba lejn din l-Omm Ħanina li min-naħa tagħħa rreċiprokat matul iż-żmien, b'mod speċjali fis-snin imwegħra tat-tieni gwerra dinjija (1940–43) meta b'mod straordinarju u mirakoluż salvat it-tempju tagħha f'Bormla mill-qerda ta' l-attakki ta' l-għadu.

Nixtieq qabel xejn, niddikjara li jien mhinix xi espert fil-materja u għalhekk napprezza l-kritika u l-kummenti ta' min huwa kompetenti, għax b'hekk joħorġu l-fatti veri u wieħed ikun jista' jitgħallem. Jiena semmejt li l-parroċċa tagħna kellha tliet statwi tal-Madonna taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni. L-ewwel waħda msemmija fil-ktieb ta' Dun Ġużepp Cassar *Żvilupp tal-Qima lejn il-Verġni Mbierka f'Bormla* kienet saret fi żmien it-tieni Kappillan Dun Palmiro Cap (1642–59), però għad li kienet ta' l-injam, kienet pjuttost żgħira. Sa minn ċkuniti kont nisma' min jgħid, u dan ikkonfermatuli aktar tard persuna mill-Qrendi li kienet taħdem miegħi, li din l-istatwa sabet ruħha fil-parroċċa tal-Qrendi. Dan ġara meta fl-1756, sar Kappillan tal-Qrendi Dun Anton Mizzi li kien Bormliż, u peress li fil-parroċċa tiegħu ma kienx hemm statwa tal-Madonna, talab lill-Kapitlu ta' Bormla sabiex jagħtih l-istatwa tal-Kunċizzjoni li kienet f'Bormla, u li issa peress li kienet saret it-tieni statwa titulari, kienet ġiet imwarrba fis-sagristija. It-talba ta' Dun Anton ġiet milqugħa u l-ewwel statwa titulari ta' Bormla sabet ruħha fil-Qrendi però taħt it-titlu ta' Santa Marija, għax dik il-parroċċa hija ddedikata lilha. Dan il-fatt kiteb dwaru Dun Mattew Magro li kien prokuratur fil-parroċċa tal-Qrendi fil-programm tal-festa maħruġ mill-Banda Santa Marija tal-Qrendi fl-1988.



### IT-TIENI STATWA TITULARI

Fil-ktieb tiegħu *Tagħrif Storiku dwar il-Knisja Parrokkjali ta' Bormla* tal-1983, is-Sur Charles Galea Scannura jistqarr, li għad li t-tieni statwa titulari ta' Bormla hija attribwita lil Maria de Domenicis, allieva ta' Mattia Preti, dokumenti ta' meta saret u min għamilha ma jeżistux. Mill-inventarju ta' Dun Diego Ciantar, nafu li din l-istatwa kienet teżisti fl-1679. Nafu sewwa kif kienet għax jeżistu diversi ritratti tagħha. Kienet imżejna b'ornamenti tad-deheb u ħaġar prezzjuż, kellha pedestal sabiħ u majestuż li llum jinsab fil-parroċċa ta' Raħal il-Ġdid (Paola) bħala l-pedestall ta' l-istatwa ta' Kristu Re. Il-bradella li kellha din l-istatwa tinsab fil-parroċċa ta' Ħal-Luqa u tintuża fil-festa tal-Madonna taċ-Ċintura. Fl-1866 kien sarilha pedestall ġdid mill-iskultur Antonio Chircop. Dam jintuża għal xi żmien għax jeżistu ritratti tiegħu bħala l-pedestall ta' l-istatwa titulari attwali qabel ma sarilha l-pedestall preżenti, xogħol l-iskultur Bormliż Abram Gatt. Dan it-tieni pedestal, illum jinsab fil-parroċċa ta' Birżebbuġa.



### IT-TIELET STATWA TITULARI

Sa ftit taż-żmien ilu kważi l-Bormliżi kollha kienu jemmnu li l-iskultur Abram Gatt kien ingħata l-inkarigu

• ikompli f'paġna 19

• *ikompli minn paġna 17*

# Tliet Statwi Titulari f'Bormla

biex jirranġa l-istatwa li kienet għamlet de Domenicis biex wara tintbagħat l-Italja għand id-ditta *Antonio Ghezzi e Figli* ta' Milan biex tiġi miksija bil-fidda, però meta fl-1986 l-istatwa attwali ntbagħtet għar-restawr u tindif, ħarġet il-verità għax fil-fatt ġewwa l-istatwa ma nstabet l-ebda statwa ta' l-injam u għalhekk illum ngħidu li l-istatwa attwali fil-parroċċa tagħna hija totalment xogħol, ċioè opra totali ta' Abram Gatt. Hawn nagħmel mistoqsija "Fejn spiċċat l-istatwa ta' de Domenicis li kienet statwa fi stil Barokk tipiku taż-żmien li fih saret?" Illum ukoll wieħed jistaqsi "Kemm kien possibbli li l-istatwa ta' de



Domenicis tintuża għall-festa ta' l-1904, tintbagħat Milan biex isir ix-xogħol meħtieġ biex tinkesa bil-fidda u tkun f'Bormla f'Ġunju ta' l-1905 għall-festi ta' l-Inkurunazzjoni?"

Jekk wieħed iqabbel il-pożizzjoni ta' l-istatwa preżenti ma' dik ta' de Domenicis jara differenzi kbar, jista' jagħti l-każ li Abram uża r-ras, l-idejn u s-saqajn però din hija mistoqsija li forsi għad tiġi mwieġba. M'hemmx għalfejn noqgħod niddeskrivi l-istatwa preżenti tal-Kunċizzjoni għax illum kulħadd jaf kemm hi statwa devota, li tiġbed lejha l-qlub ta' min iżurha. Missirijietna ma naqsux li jiddekorawha bl-aħjar mod possibbli, wieħed isemmi l-164 stilla tad-deheb u ħaġar prezzjuż li bihom hi mżejna libsitha, il-qamar li fil-festa jitlibbes b'wieħed tad-deheb u ħaġar prezzjuż, it-tuffieħa f'ħalq is-serpent li hija tad-deheb ornamentata b'topazju kbir. Fl-aħħar, però mhux l-inqas, wieħed irid isemmi l-pedestall tal-fidda li fuqu tistrieħ l-istatwa, xogħol meraviljuż ta' l-istess Abram Gatt. Jakkompanjawh fuq il-bradella hemm erba' gastri tal-fidda xogħol ta' l-istess artist. Il-bradella u l-bankun huma xogħol fil-kewba b'interzjar mill-isbaħ. L-istatwa titqiegħed taħt mant maħdum fil-*Canavazzo d'Oro* miżmum minn żewġ anġli ta' l-injam xogħol l-iskultur Vincenzo Bonnici u miġbur ġo kuruna kbira tal-fidda.

Dan huwa l-mod kif il-Bormliżi ta' kull żmien urew il-qima u l-imħabba tagħhom lejn din l-Omm Ħanina, Patruna u Reġina tal-belt għażiża tagħha Bormla. J'Alla l-ġenerazzjonijiet futuri Bormliżi jibqgħu jgħożżu dan il-patrimonju li ħallewlna missirijietna, u aktar minn hekk iżommu ħajja dik il-fjamma ta' qima u mħabba lejn Marija Immakulata.

**WILLSMART LTD.**

*Wiġi Rosato Street,*
*Cospicua*

Tel. No. 21 666 891

Ħanut fejn issibu minn kollox.
Tinqeda Żgur.

*SERVIZZ BI TBISSIMA*

***Il-Propjetarji jixtiequ l-Festa t-Tajba lill-Bormliżi Kollha***